MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tas-26 ta' Frar, 2015

Numru. 334/2014

**PULIZIJA**
**SPETTUR SARAH MAGRI**

**VS**

**JACQUELINE MAMO**
**(ID Nru. 259871M)**

Kumpilazzjoni Nru.: 334/2014

Illum, 26 ta` Frar, 2015.

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Jacqueline Mamo, detentrici tal-Karta tal-Identita` numru 259871M.

**Akkuzata talli:**

Nhar it-tlettax (13) ta` Marzu, 2014, bejn id-disgha nieqes kwart ta` filghodu (08:45hrs) u l-erbgha ta` wara nofsinhar (16:00hrs) gewwa Konservatorju Vincenzo Bugeja li jinsab gewwa Triq il-Kbira San Guzepp, Santa Venera, ikkommettiet serq ta` flus kontanti, li l-ammont taghhom jeccedi l-mitejn tlieta u tletin ewro (€223) imma ma jeccedix l-ammont ta` elfejn tlett mija u tletin ewro (€2,330), ghad-detriment ta` Helene Micallef u/jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-valur u bil-persuna.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 261, 217 u 219 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

In ammissjoni volontarja u kkundizzjonata tal-imputata ghall-imputazzjonijiet lilha addebitati mill-Prosekuzzjoni, ma jhallu ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief li ssib lill-imputata hatja fl-ammont ta` mitejn ewro (€200) kif hija stess ammettiet.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor fi zmien tmintax (18) –il xahar mil-llum ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputata.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------